**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 577/97

Emanuel Caruana

vs

Forzi Armati ta' Malta

Illum 26 ta' Settembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti promozzjoni ta' Lance Bombardier.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien gie impjegat mal-Forzi armati fl-1986 fil-grad ta' gunner. Matul il-perjodu ta' l-impieg tieghu huwa kien ghamel il-course ta' BIII Welder; AIII Vehicle Mechanic; BIII Driver u 3rd Class Education. Huwa qatt ma kellu rapporti kontra tieghu u dejjem ghamel xogholu b'kull responsabilita'. Huwa ilu stazzjonat il-Work Shop tal-Mechanics ghal dawn l-ahhar 10 snin. Fl-1992 kienu hargu l-promozzjonijiet ghal diversi gradi u huwa gie maqbuz minn nies li kellhom anqas "seniority" minnu kif ukoll kwalifiki fil-fatt gunner Vincent Stellini kien sar Lance bombardier u lanqas kellu t-3rd class Education u lanqas Trade. Ghaldaqstant jikkonkludi li dawn il-promozzjonijiet saru b'mod ingust u politiku, ghax kieku saru b'mod gust huwa kien jikkwalifika ghal grad imsemmi.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni jew promozzjonijiet li tilef matul iz-zmien, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Forzi Armati ta' Malta, li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett l-20 ta' Jannar 1992 dawk li gew promossi u li kienu ***junior*** tar-rikorrent kienu kkwalifikati aktar mir-rikorrent hlief ghal tlieta.

Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett l-20 ta' Jannar 1992, ir-rikorrent ma kellux it-***third Class of Education*** kif donnu hu jrid jaghti wiehed x'jifhem. Din il-kwalifika fil-fatt gabha fil-19 ta' Novembru 1993. Illi l-individwu li hu qed jirreferi ghalih cioe' Gunner Vincent Stellini kien gie promoss fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet li kien sar fl-1990. Ghalkemm vera li Gunner Stellini dak in-nhar ma kellux it-third class of education kif ir-rikorrent qed jallega, mhux veru li hu ma kellux trade. Ir-rikorrent naqas li jsemmi li Stellini kien ikkwalifika fil-***cadre course*** li kien sar ghall-Lance Bombardiera prospettivi. Din il-kwalifikazzjoni kienet ikkunsidrata mehtiega ghall-promozzjoni f'dan ir-rank dak iz-zmien. Ghaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jiehu l-kaz ta' Gunner Stellini bhala precedent ghall-kaz tieghu ghaliex ic-cirkustanzi tal-kazijiet kienu differenti.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmadant tal-Forzi Armati ta' malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Ir-rikorrent xehed li fil-fatt ghandu third class education pero` d-data preciza meta ottjenejtha ma jafix.  Dwar Vincent Stellini

sostna li senior tieghu b` zewg numri. Ir-rikorrent sar lance bumbardier fl-1998. Ikkonferma li bhala trades ghandu Welder B3, Driver B3 u Vehicle Mechanic A3. Il-cadre course ghamlu dan l-ahhar pero` qabel qatt ma kienu baghatu ghalih. Xogholu dawn l-ahhar ghaxar snin kien dejjem konness mal-mechanical u mal-welding.

Il-Kaptan Emanuel Kirkop llum ajjutant fit-tielet regiment xehed li kien hemm zmien meta kien l-ufficjal inkarigat mir-rikorrent. Fl-1992 kienu nghataw xi promozzjonijiet mill-kariga ta` gunner ghal dik ta` lance bumbardier. F` dik l-okkazjoni r-rikorrent ma kienx sar. Zied jghid: “Ghandi nghid li fl-okkazjoni tal-1992 jiena rakkomandazzjonijiet ma kontx ghamilt pero` ghax ma kontx gejt mistoqsi u mhux ghal xi raguni ohra. Inzid nghid li l-persuna li kellha taghmel ir-rakkomandazzjonijiet kellha tkun jiena fil-kaz tar-rikorrent minhabba l-fatt li hu kien qieghed direttament tahti… Ir-rank tar-rikorrent kien ta` welder u anke ta` panel beater.

Meta jigi biex jaghmel rakkomandazzjoni wiehed irid iqis il-kwistjoni ta` vacancies, medical record, dixxiplina militari u fatturi ohra. Dwar vacancy certament kien hemm, dwar medical record ma jidhirlix li kellu sick leave specjali. Dwar dixxiplina kien ubbidjenti u xogholu kien ghamlu. B` hekk nghid li ma kienx hemm raguni specjali ghaliex m` ghandix nirrakkomandah. Naturalment wiehed irid jara wkoll il-perusni l-ohra involuti meta tigi biex taghmel rakkomandazzjoni ghax dan huwa ezercizzju

komparattiv."  Gunner Freeney dak iz-zmien ma kienx tahtu.  Illum il-gurnata huwa tahtu u huwa element tajjeb hafna fl-Armata. Anqas Joseph Bugeja u Anthony Micallef ma kienu tahtu.  Dwar ir-rikorrent qal li kien hemm min kien ahjar minnu pero` hu kien komparabbli tajjeb ma` shabu.

Illi l-Kurunell Mario Schembri pprezenta l-iskeda tal-promozzjonijiet li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992 ghar-rank ta` Lance Bumbardier.  Fuq l-istess dokument tidher fil-parti shaded griza l-isem tar-rikorrent Emanuel Caruana daqs li kieku ha l-promozzjoni ghalkemm hu fil-fatt ma hadhiex.  Xehed li dwar il-Cadre Course dawk li kienu wara r-rikorrent u l-istess rikorrent hadd minnhom ma kellu fl-1992.

Esebixxa l-Curriculum Vitae tar-rikorrent u r-rapport mediku mahrug mill-Principal Medical Officer it-Tabib Galea li jaghti aktar dettalji u spjegazzjoni ta' x' kienu l-ailments tar-rikorrent.  Vincent Stellini sar Lance Bumbardier fl-1990.  Stellini kellu l-cadre course qabel ir-rikorrent.  Ir-rikorrent gab it-third class education fl-1994.

Kazijiet ta' dixxiplina kontra r-rikorrent jirrizultaw li kien hemm tliet charges.  Wahda fl-1991 li kienet "Prejudice of Good Order and Military Discipline" u kien instab hati.  Ohra fil-21 ta' Awissu ta' l-istess sena, l-istess"Prejudice to the Good Order and Military Discipline" li kien instab mhux hati.  Ohra "Nuqqas ta' Ubbidjenza

ta’ Ordnijiet Permanenti” pero` din kienet fis-27 ta’ Frar tal-1998 u taghha kien instab hati.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi f’dan il-kaz il-pusizzjoni tidher cara hafna mid-dokument a fol 13 tal-process. Minn dan jirrizulta li hamsa qabzu lir-rikorrent izda tnejn minnhom kellhom it-3rd Class Certificate of Education waqt li r-rikorrent kellu Nil. Jibqa’ li qabzuh tlieta li wkoll kellhom NIL u cioe’ Joseph Freeney, Joseph Bugeja, u Anthony Micallef. Issa r-rikorrent bhala trades kellu WLD B3, DVR B3, VM A3, waqt li Freeney ma kellu ebda trade, Bugeja kellu biss id-DVR B3, u Micallef Mason B3, PLC A3.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta’ Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

“Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u

ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].”

Issa fil-kaz in ezami l-intimat ma ta ebda raguni valida ghaliex it-tlieta l-ohra kellhom jaqbzu lir-rikorrent ghalkemm kienu kkwalifikati anqas minnu; lanqas ma ta ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent ma kellux isir.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa’ ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Lance Bombardier b’effett mill-20 ta’ Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.